MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 512/2011

**Francis Brignone (K.I. 79737M)
Vs
Simon Brignone (K.I. 26569M) u
Maria Brignone (K.I. 364279M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta sabiex jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhomx ihallsu lill-attur is-somma ta' elf ewro (€1,000), somma mislufa lill-konvenut mill-attur fit-18 ta' Mejju, 2010 u liema somma huma ghadhom ma hallsux minkejja li gew interpellati diversi drabi wkoll permezz ta' ittra ufficjali 4746/2010; bl-ispejjez u bl-imghax mit-18 ta' Mejju, 2010 inkluz l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali numru 4746/2010 taht l-artikolu 166A tal-kapitlu 12 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' din it-talba llum stess.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccippew illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur

stante illi s-somma ta' elf ewro (€1,000) kif reklamata mill-attur fl-avviz mhux dovuta mill-konvenuti stante illi ma sar l-ebda ftehim ta' self kif qed jigi allegat mill-attur; salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-ligi.

Ra l-affidavits ta' Francis Brignone, ta' Carmel Brignone (iben l-attur) u tal- avukat Ludvic Caruana.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra l-verbal tas- seduta tat- 30 t'April, 2013 fejn it-talba ghaddiet ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**
It-talba tikkoncerna hlas lura ta' self ta' flus fis-somma ta' elf ewro (€1,000), liema self kien sar mill-attur lill-konvenuti.

Illi l-konvenuti ghalkemm ikkontestaw din it-talba ma pprezentawx provi biex isostnu d-difiza taghhom u dan minkejja li saru diversi seduti.

Min-naha tieghu l-attur iddikjara illi f'Mejju 2010 hu kien sellef elf ewro (€1,000) lill-ibnu u martu bil-kundizzjoni li kellhom iroddu l-flus lura. Dawn accetaw li jhallsuh f'pagamenti ta' hamsa u sebghin ewro (€75) fix-xahar. Illi pero' minkejja l-fatt li gew interpellati diversi drabi dawn ma hallsu ebda pagament. Wara li gew ikkuntattjati mill-avukat tal-attur, permezz t'ittra nterpellatorja, dawn marru ghand l-avukat u hadulu pagament ta' hamsin ewro (€50) w iddikjaraw illi kienu lesti jhallsu hamsin ewro (€50) fix-xahar. Pero' l-attur m'accettax dan il-mod ta' hlas. Ma ressqux ghall-appuntament ma' missierhom u ma tkellmu lanqas ma' Carmel, hu l-konvenut, li kien involut ghaliex kellu prokura minghand missieru. Dan kollu gie konfermat minn Carmel Brignone u mill-avukat Ludvic Caruana.

Illi ghalhekk galadarba ma tressqet l-ebda prova ohra it-Tribunal ihoss illi l-talba giet sodisfacentement ippruvata.

**Decide:**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddecidei billi jilqa' t-talbiet tal-attur u jichad l-eccezzjoniet tal-konvenuti billi jikkundana lill-konvenuti jhallsu s-somma t' elf ewro (€1,000) bl-interessi sal-pagament effettiv dejjem skont kif mitlub u skont il-ligi. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------